MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 89/2004

**Maria Micallef u zewgha George Micallef ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Julian Micallef**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, u hmistax-il lira Maltin (Lm4,015) rapprezentanti kera dovut lill-atturi rigward il-kirja tal-fond Garage No 2 Triq Envin Cremona, San Gwann.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu, 2004, fejn il-konvenut ammetta t-talbiet attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------